MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2115/2002

***Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali***

***Vs***

***Tony Gerada***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' tnejn u sittin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm62.68c) rappresentanti ammont bilancjali mhallsa ndebitament bhala ghajnuna socjali mill-attur lill-konvenut, liema ammont komplessiv kien ta' mija u erbgha u sittin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm164.71c) ghal perijodu bejn it-30 ta' Ottubru 1999 u l-31 ta' Dicembru 1999 u dana peress illi l-istess konvenut izzewweg u martu kienet impjegata bi qliegh.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Dicembru 2001 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Carmen Azzopardi rappresentant tad-Direttur ghas-Sigurta' Socjali, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut u li inoltre pprezentat dokument in sostenn tat-talba attrici li gie mmarkat bhala Dokument DSS.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tnejn u sittin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm62.68c), bl-imghax legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Dicembru 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**